**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 431 / 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**
**vs**
**Jeremy John Scicluna**

Illum 24 ta' Frar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Jeremy John Scicluna, bin Jpaul Scicluna u Maria Dolores xebba Pace, imwieled nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (1986), detentur tal-karta tal-identità numru 0504086 M u joqghod Galuna Court, Flat 3, Triq Pace, Sliema:, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar l-1 ta Settembru, 2019, ghall-habta tal-erbgha ta' fil-ghodu (04:00 hrs) fi Triq Mikiel Anton Vassalli, San Giljan, saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JER 086:

1. u aktar meta b' nuqqas ta' hsieb, bi trskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku,

nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Gabriel Agius skont kif iccertifika Dr. K. Abdalla M.D. mill-Isptar Mater Dei;

2. u aktar meta b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Janet Fenech skont kif iccertifika Dr. K. Abdalla M.D. mill-Isptar Mater Dei;

3. u b' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura numru JCD 646 u involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Gabriel Agius;

4. u b' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat u involontarjament ikkaguna hsarat farlogg tal-idejn tal-marka Rolex ghad-dannu ta' Gabriel Agius;

5. u aktar talli saq l-imsemmija vettura b' manjiera bla kont;

6. u aktar talli saq l-imsemmija vettura b' manjiera traskurata;

7. u aktar talli saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-imsemmija vettura fi triq jew f' post pubbliku meta ma kienx f' kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

8. u aktar talli rrifjuta jew naqas milli jaghti skont il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun tal urina.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Novembru, 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-akkuzi u l-Ligi, ossia, l-Artikoli 226 (1) (c), 328 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli (1) (a) (2), 15 A u 15 E (4) tal-Kapitolu 65, sabet lill-imputat, Jeremy John Scicluna hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih u ikkundannatu komplessivament ghal multa ta' elfejn Euro (€2,000) u sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien sena u ai termini tal-Artikolu 78 tal Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 ordnatlu sabiex immedjatament jghaddi l-istess licenzja lill-Awtorità ghat-Trasport f' Malta kif ukoll ai termini tal-Art. 36 B u s-Sitt Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Ligijiet ta' Malta, imponiet penali ta' sitt (6) punti fuq il-licenzja tas-sewqan tal-imputat liema punti ghandhom jigu mnizzla fid-database komputerizzata mizmuma ghal dan il-ghan mill-Awtorità dwar it-Trasport f' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Jeremy John Scicluna minnhu pprezentat fit-19 ta' Novembru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha *tirrevoka* s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dottor Y. Micallef Stafrace tat-23 ta' Novembru 2021 in kwantu sabitu hati ta' l-akkuzi dedotti kontrih u kundannatu ghal multa ta' elfejn ewro (€2,000), sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena u sitt 96 punti skwalifika u konsegwentament *tilliberah* minn kull piena u htija skond il-ligi u f' kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tigi imposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

(1) Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazina tal-fatti u apprezzament skorret tal-Ligi.

**<u>L-Ewwel Aggravju</u>**

<u>Illi ma jirrizultax car x' tip ta' twissija nghatat lill-appellant minn PS 249 qabel ma huwa issottometta tuhu ghat-test tan-nifs de quo u qabel l-istess appellant gie mitkellem mil-Pulizija.</u>

Il-verzjoni li l-istess appellant ta lill-Pulizija Ezekuttiva m' hijiex wahda ammissibli fil-ligi u dana ghaliex *ex admisis* PS 249 in kontro-ezami xehed illi ma jiftakarx jekk l-appellant, qabel ta l-verzjoni tieghu, inghata d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat u ghalhekk il-verzjoni tieghu in kwistjoni ma setghatx tintuza bhala prova kontra l-appellant;

Illi di piu, qabel l-appellant intalab jissottometti ruhu ghat-test tan-nifs, rega' ma nghatax id-dritt li jikkonsulta ma' Avukat. Illi l-istess PS 249 jghid illi jiftakar l-unika *twissija* li nghata lill-appellant kien dak relatat mat-test tal-kampjun tan-nifs.

Illi fl-affidavit ta' PS 249, dan jghid li l-*caution, ossia* li wissa lill-appellant li kien ser isir it-test tal-*breathalyser*, li huwa kellu dritt li jirrifjutah izda jekk jaghmel dan kien jikkostitwixxi reat. Ma kienx jiftakar jekk kienx tah ukoll id-dritt li jikkonsulta ma avukat.

Illi r-reat ipotizzat fis-seba' akkuza jippreskrivi li

15A.(1*) Ebda persuna ma ghandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li tkun fit-triq jew f' post pubbliku iehor jekk ma tkunx f' kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.*

Illi r-reat ipotizzat fit-tmien akkuza jippreskrivi li

*15(E)(4)Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli taghti kampjun mehtieg hekk kif stabbilit taht dan l-artikolu jew ir-regolamenti maghmula taht din l-Ordinanza tkun hatja ta' reat u sakemm ma jigix ppruvat il-kuntrarju, titqies li l-proporzjon ta' alkohol fid-demm ta' dik il-persuna ikun izjed mil-limitu preskrit*

Illi fl-appell fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Raymond Grech Marguerat*** deciza nhar it-28 ta' Gunju 2017 il-qorti qalet illi:

> *Illi l-Qorti tqies illi t-twissija meta jkun ser jigi issomministrat t-test tan-nifs ghandha tigi spjegata car u tond. Dan ghaliex din mhijiex is-solita twissija li hija ikkontemplata fil-ligi ghaliex il-ligi tippresuponi l-htija meta jkun hemm ir-rifjut u allura l-pulizija investigattiva ghandha tkun attenta doppjament meta jinghata l-caution f' dawn il-kazijiet fejn allura l-persuna suspettata ghandha tinghata d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ma taghti t-twegiba taghha billi b' tali twegiba tkun tista' tinkrimina ruhha. Fil-fatt il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem testendi it-tifsira ta' "criminal charge" mill-mument illi persuna tkun ser tigi affetwata minn xi att investigattiv tal-pulizija (ara Alexander Zaichenko vs Russia – 18/02/2010): "The Court reiterates that in criminal matters, Article 6 of the Convention comes into play as soon as the peson is "charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court, such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened. ' Charge' for the purposes of article 6(1) may be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" a definition that also corresponds to the test whether the situation of the person has been substantially affected."*

**Dan ifisser allura illi mill-mument li l-Pulizija talbu lil appellant sabiex jaghmel it-test tan-nifs, huwa kellu jigi moghti l-jedd jikkonsulta ma' l-avukat tal-fiducja tieghu qabel ma jinkrimina ruhu bir-rifjut tieghu li joqghod ghat-test tan-nifs li kien qed jigi mitlub jaghmel.**

Illi l-appellant jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Matthew Vella** deciza fis-6 ta' Frar 2020 mil-qorti ta' l-Appell Kriminali, li fiha, Qorti gabret diversi sentenzi u poggiet il-bazi legali ta x' tip ta' twissija ghandha tinghata mil-Pulizija lil persuni qabel ma jissottomettu ruhhom ghat-test tan-nifs.

Illi x-xenarju mahluq minn din il-Ligi (Art 15 Kap. 65) huwa wiehed kumpless. Kwistjoni dwar id-dritt tal-assistenza legali apparti, jekk is-sewwieq jaghzel li joqghod ghal test tan-nifs, huwa jkun jista' qieghed jaghmel azzjoni li r-rizultat taghha bis-sahha tal-Ligi innifisha jkun jista' jittiehed bi prova kontra tieghu fi proceduri kriminali. Mill-banda l-ohra jekk is-sewwieq jaghzel li jirrifjuta li jaghmel it-test tan-nifs, jew li jaghti kampjun meta mitlub, ikun qieghed, ghall-dan ir-rifjut tieghu, jigi meqjuz li jikkommetti reat kriminali. Apparti li johloq prezunzjoni *iuris tantum* li l-proporzjon ta' alkohol fid-demm ta' dik il-persuna ikun izjed mil-limitu preskritt.

Illi l-appellant itenni illi qabel ma gie mitlub li jaghmel it-test tan-nifs, ma nghatax id-dritt li jikkonsulta ma' Avukat.

F' dan il-kaz, PS 249 xehed quddiem l-Ewwel Qorti hu b' lejalta stqarr li ma kienx jiftakar li kien ta l-*caution* relattiva ghall-assistenza legali lil appellant.

Illi jigi sottomess illi gjaladarba ma hemmx prova li qabel ma gie maghmul it-test tal-*breathalyser* l-appellant kien gie moghti d-dritt li jikkonsulta ma avukat u galadarba ma hemm ebda prova dokumentarja jew prova ohra relattiva ghall-fatt jekk dan avalixxiex minn dan id-dritt jew le, l-appellent ma jistax jinstab hati tas-seba u tmien akkuza.

Illi fis-sentenza bl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Marlon Montebello***, din il-Qorti diversament preseduta kienet ikkonsidrat is-segwenti:

*Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Francis Pace****, biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa"1 minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi il-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir- risulatat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C. Kwantu ghall-hekk imsejjha "caution", din it-twissija (cioe` t-twissija li n-nuqqas jew rifjut li wiehed jaghti kampjun tan-nifs hu reat) hi mehtiega biss sabiex il-pulizija tkun tista' tarresta lil minn hekk jonqos milli jaghti il-kampjun ghat-test tan-nifs (mhux ghall-analizi), u dan skond l-Artikolu 15D(b); ghall-finijiet tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4) ebda twissija ma hi mehtiega (ara* ***Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri****, App. Krim., 30di ta' April, 1999, u* ***Il-Pulizija v. Anthony Cutajar****, App. Krim., 2 ta' Settembru, 1999).*

Illi dan ifisser li ghall-fini ta' integrazzjoni tar-reat taht l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 din il-Qorti tista' tiehu in konsiderazzjoni **provi ohra** ***apparti*** mir-rizultat o meno tal-analizi maghmula skont l-artikolu 15E tal-Kapitolu 65, li jistghu jinkludu l-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq.

Illi f' dan il-kaz PS249 xehed b' mod car li meta kien qieghed ikellem lill-appellant fuq il-post tal-incident, huwa xammlu riha ta' xorb u kien minhabba f' hekk li huwa gie is-suspett ragonevoli li jaghmel it-test tal-*breathalyser* lill-appellant. Minbarra dan ma hemmx kunsiderazzjinijiet ohrajn. Ma' kien hemm l-ebda *brake marks*.

Illi f' dan il-kuntest, issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Raymond Debono*** deciz nhar il-21 ta' Jannar 2016 fejn ghalkemm il-Pulizija xammew riha ta' xorb fuq is-sewwieq, ma kienx hemm provi ohra oggettivi li setghu jaghtu indikazzjoni aktar b' sahhitha dwar il-mod tas-sewqan tal-appellant, u jekk kienx

hemm indikaturi ta' spavalderija jew erraticita inspjegabbli fis-sewqan tal-appellant, li setghu kienu kagun tal-incident u li huma wkoll ritenuti **bhala indikaturi li sewwieq ikun taht l-effett ta' xorb alkoholiku.**

Biss apparti minn hekk, ma hemmx provi ohra li jindikaw il-kliem u l-imgieba tal-appellant li minnhom din il-Qorti tista' tasal tikkonkludi li huwa kien jikkwalifika bhala persuna li tkun qeghda ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li tkun fit-triq jew f' post pubbliku iehor **u** ma tkunx f' kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi minhabba li l-kapacità tieghu li jsuq sew kienet ghal xi hin imnaqqsa minhabba tali xorb jew droga.

**<u>Tieni Aggravju</u>**

Illi l-appellant jikkontendi li t-tort ta' l-incident ma kienx tieghu u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Illi huwa stat ta' fatt mhux kontestat, li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JCD – 646 kienet precedentement involute f' incident tatt-raffiku u kienet wieqfa fil-karreggat tal-lemin. illi fl-iskizz ta' l-incident mertu ta' dawn il-proceduri, jidher li l-vettura misjuqa mill-appellant ma helliet l-ebda brake marks. Id-dinamika tal-incident de quo, inkluz il-manjiera kif spiccaw il-vetturi kkoncernati, kif ukoll tal-hsarat li soffrew iz-zewg vetturi, ma humiex indikattivi li s-sewqan ta' l-appellant kien bla kont jew traskurat.

Illi huwa ormai pacifiku li t-test li huwa wzat anke quddiem il-Qrati fl-Ingilterra u f' Wales biex jigi determinat jekk persuna tkunx qeghda ssuq b' mod perikoluz huwa s-segwenti u cjoe *whether the person' s standard of driving fell far below the standard expected of a competent driver, and whether it would be obvious to a competent driver that the person' s manner of driving would be dangerous.* Illi fost dawn il-konsiderazzjonijiet hemm il-fattur tal-velocita gholja li sewwieq ikun jista' qieghed juza fis-sewqan tieghu,

manuvri li huwa jaghmel waqt is-sewqan jew ukoll meta l-okkorrenza turi li s-sewwieq ikun tilef il-kontroll tal- vettura tieghu minghajr raguni oggettiva indipendenti minn natura tas-sewqan tieghu ghal dan.

Illi fl-umli fehemha ta' l-appellant, is-sewqan tieghu la kien wiehed bla kont u l-anqas wiehed traskurat.

**<u>Tielet Aggravju - Piena</u>**

Illi minghajr pregudizju ghas-suespost, il-piena inflitta kienet eccessiva u harxa zzejjed meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz.

F' dan it-tieni aggravju, li qieghed jitressaq strettament minghajr pregudizzju ghall-dak ta' qablu *ossia* l-appellant sejjer jaghmel sottomissjonijiet dwar il-piena u juri kif, bir-rispett, il-piena inflitta, ghalkemm fil-parametri hija wahda eccessiva tenut kont numru ta' fatturi u konsiderazzjonijiet li ser jitressqu taht dan l-istess aggravju.

Illi jinghad illi f' Awissu 2021, l-appellant, minghajr ammissjoni ta' htija u/jew tort, hallas lil *parte civile* a saldu tal-pretensjonijiet kollha taghhom naxxenti minn dan l-incident, l-ammont totali ta' €2,900 li jirraprezentaw il-hsarat kagunati fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JCD – 646 u l-arlogg ta' l-ghamla Rolex.

Ghalhekk, fid-dawl tal-premess, l-appellant jemmen li l-piena inflitta hija wahda sproporzjonta u eccessiva u kwindi timmerita temperament

**Ikkunsidrat,**

Rat l-affidavit ta **PS 249 M. Vella** esebit fl-atti a fol. 3 tal-process fejn spjega li nhar l-1 ta' Settembru, 2019 ghall-habta tal-04.00 a.m il-pulizija tal-ghassa ta' San Giljan irceviet telefonata li kien hemm xi incident stradali gewwa triq Mikiel Anton Vassalli

cioe mill-lights ta' Paceville direzzjoni lejn il-mini u apparti minn hekk hemm xi pesuni feruti.

Fuq din l-informazzjoni rraportaw fuq il-post fejn hemmhekk innutaw li kien hemm zewg vetturi mahbutin cioe l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JER 086 li kienet mahbuta gol-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JCD 646.

Fuq il-post gew innutati li kien hemm Gabriel Agius kif ukoll Janet Fenech li kellhom xi griehi fuqhom. Janet Fenech kienet tinsab bil-qieghda fuq is-seat ta' wara tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JER 086.

Gew mitkelma kemm Gabriel u Janet fejn min naha taghhom stqarrew li xi hin qabel kellhom incident stradali fejn waqfet il-vettura taghhom u kienu qed jistennew *tow truck*. Mal-hin giet vettura ghal go fihom. Dawn bdew jispjegaw kif waqt l-incident Janet kienet tinsab quddiem il-vettura taghmel sinjal ghall- karozzi u li qalghet daqqa diretta bil-karozza u Gabriel kien jinsab wara l-karozza u qala' daqqa bil-karozza tieghu stess meta l-vettura l-ohra habtet go fihom. Dan stqarr ukoll li mal-incident dan inkisirlu arlogg tal-ghamla Rolex.

Giet imsejha ambulanza kif ukoll tal-Protezzjoni Civili biex jassistu fuq dan l-incident. L-ambulanza skortat lil Janet Vella l-isptar Mater Dei.

Kif giet l-ambulanza Gabriel identifika lix-xuffiera tal-ambulanza li ghaddew xi hin qabel wara li kellu l-ewwel incident cioe Eugenio Cremona u Raymond Frendo fejn min naha taghhom ikkonfermaw li meta kienu ghaddejjin dawn waqfu hdejhom fejn stqarrew li ma kellhom bzonn l-ebda assistenza medika apparti minn hekk ma kellhomx dmija fuqhom.

Huwa tkellem max-xuffier tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JER 086 cioe ma l-akkuzat u dan wara li tah id-drittijiet legali tieghu u cioe li kellu kull dritt ma jwegibx

il-mistoqsijiet li kien ser jghamel u meta gie mistoqsi minn fejn kien gej dan wiegeb li kien gej minn party mill-Madliena. Malli kien qed jigi mitkellem huwa seta ixomm riha ta' alcohol minn go halqu u ghalhekk infurmah li kien ser isirlu t-test tal-breathylser u li kellu kull dritt li jirrifjuta pero' jekk jirrifjuta li jiehu t-test dan kien ifisser li hu prezunt hati tar-reat. Dan beda jghid li kellu bzonn icempel qabel ma iwiegeb. Huwa cempel lil xi hadd fuq il-mobile u wara li qata' baqa' jittratjeni. Ghalhekk dan hareg ricevuta li l-akkuzat irrifjuta li jghamel it-test.  Dak il-hin mar ghal fuqu u beda jipprova jiehu l-licenzja tas-sewqan tieghu u kien ser iwaqqalu l-apparat tal-breathylser. Dan gie imwissi biex jieqaf b'dan l-atteggjament. Inhargitlu ricevuta tar-rifjut u inghata kopja taghha.

Minn stharrig li sar fuq il-post irrizulta li ma kienx hemm CCTV cameras fuq il-post. Apparti minn hekk ma gewx innutati l-ebda tip ta' brake marks.

Kemm Janet kif ukoll Gabriel gew iccertifikati li kienu qed isofru min griehi hfief hekk kif iccertifikati minn Dr. Abdava mill-isptar Mater Dei. Gabriel ipprezenta stima tal-hsarat tal-arlogg li jammonta ghal €1062 u apparti minn hekk xtaq li jittiehdu passi rigward il-griehi li sofra. Janet ukoll xtaqet li jittiehdu passi rigward il-griehi.

Rat l-istima datata 12 ta' Settembru 2019 esebita fl-atti a fol. 9 et seq mahruga minn Swiss Watch Club u minn ezami tal-istess, jirrizulta li l-arlogg  kellu diversi hsarat li certament jammontaw ghas-somma ta' €1062.

Rat l-okkorenza redatta minn PS 249 Michael Vella li tirrispekja dak li xehed dwaru fl-affidavit rilaxxjat minnu.

Rat l-iskizz redatt minn l-istess ufficcjal tal-pulizija PS 249 u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JCD 646 kienet angolata fuq quddiem tal-vettura numru ta' registrazzjoni JER 086. Il-vettura JCD 646 kellha diversi hsarat fuq in-naha tal-lemin fil-genb min naha tan-nofs ghal quddiem kif ukoll fl-angolu ta'

quddiem ta' l-istess naha tal-lemin waqt li l-vettura JER O86 kellha hsarat fil-kantuniera ta' quddiem tan-naha tax-xellug.

Rat ic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. K Abdalla nhar l-1 ta' Settembru 2019[1] fejn iccertifika li kien ezamina lil Gabriel Agius dakinhar stess ghall-habta tal-4:00p.m /5.00 p.m u sab li kellu diversi feriti kif deskritti minnu fl-istess certifikat u li dawn kienu ta' natura hafifa salv kull kumplikazzjoni.

Rat ic-certfikat mediku rilaxxjat minn Dr. K Abdalla nhar l-1 ta' Settembru, 2019[2] fejn iccertifika li kien ezamina lil Janet Fenech dakinhar stess ghall-habta tal-4:50 a.m u sab li kellu diversi feriti kif deskritti minnu fl-istess certifikat u li dawn kienu ta' natura hafifa salv kull kumplikazzjoni.

Rat it-test tal-breathalyzer datat l-1 ta' Settembru 2019 bil-hin 04.49 li jindika li t-test ma ttiehidx. Dan hu iffirmat minn PS 249 Michael Vella.

Rat l-affidavit ta' **Dr K Abdalla** datat 25 ta' Frar 2020 [3]fejn kkonferma li kien ezamina lil Janet Fenech u kkonferma li meta ezaminaha nhar l-1 ta' Settembru, 2019 din kellha diversi feriti u tbengil fuq dirajha tal-lemin u fuq koxxitha tax-xellug u fuq koxxitha tal-lemin. Ma kien hemm l-ebda fratturi li gew notati. Huwa ddeskriva l-feriti bhala li kienu ta' natura hafifa salv kull kumplikazzjoni.

Rat l-affidavit ta' Dr K Abdalla datat 25 ta' Frar 2020 [4]fejn kkonferma li kien ezamina lil Gabriel Agius u kkonferma li meta ezaminah nhar l-1 ta' Settembru 2019 dan kellu diversi feriti kif hemm deskritti u ddeskriva l-feriti bhala li kienu ta' natura hafifa salv kull kumplikazzjoni.

---

[1] Fol. 20 tal-process
[2] Fol. 21 tal-process
[3] Fol. 27 Dok A
[4] Fol. 27 Dok A

Rat l-invoice datat 10 ta' Jannar, 2020 mahruga minn Christian Joseph Caruana CJ Towing u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-vettura kellha tibqa' mizmuma fil-proprjeta tieghu wara li giet towjata u din ma setghetx tigi mehuda fil-garage ta' sidha ghaliex l-garage tieghu jinsab taht l-art. Dan id-dokument hu markat bhala dok C.[5]

Rat l-ircevuta tal-hlas li sar fis-somma ta' €1062 li gew imhalsa lil Time Club Ltd ta' 45 Zachary Street Valletta rigward il-hsarat li kellu l-arlogg ta' Gabriel Agius. Dan hu markat bhala dok KC 1[6].

Rat ghaxar ritratti dwar feriti subiti minn Janet Fenech li gew markati bhala dok D1 sa D 10 u sitt ritratti li gew markati bhala dok D 11 sa D 16 tal-arlogg proprjeta ta' Gabriel Agius.[7]

Rat ix-xhieda ta' **Gino Cremona** rilaxxjata nhar is-16 ta' Novembru 2020 u spjega li huwa kien id-driver tal-ambulanza dak il-lejl tal-1 ta' Settembru, 2019 u qal waqt li kien ma Raymond Farrrugia kienu raw zewg min nies f'karozza wieqfa u qalulhom li ma kellhomx bzonn asssitenza medika u ikkonferma li ma kellhomx dmija fuqhom. Jaf pero li wara kien hareg ghalihom u fit-tieni okkazjoni, ir-ragel kellu demm ma wiccu u qallu li kien wegga u jaf li spicca ghabbew lil dan ir-ragel. Mistoqsi dwar it-tfajla jghid li ma jiftakar xejn dwarha.

**Raymond Frendo** xehed nhar is-16 ta' Novembru 2020 u jghid li kien id-driver tal-ambulanza u kienu ircevew telefonata beix johorgu fuq call. Qal li meta hargu l-persuna iffirmatlu li ma kellhiex bzonn asssistenza medika. Pero' irrizulta li gew imsejha ghat-tieni darba u din id-darba il-persuna kellha id-dmija u rikeb maghhom lejn l-isptar. Mistoqsi jgharafx min kienet il-persuna huwa indika lil *parte civile* Gabriel Agius.

---

[5] Fol. 31 tal-process
[6] Fol. 31A
[7] Fol. 32 sa 47

**Janet Fenech** xehdet nhar is-16 ta' Novembru ,2020[8] kkonfermat li fl-atti hemm ghaxar ritratti li juru l-persuna taghha. Hija gharfithom u kkonfermat li gew mehuda minnha. Spjegat li dakinhar bil-lejl bejn it-30 ta' Awwissu 2019 u l-1 ta' Settembru 2019 kienu qed isuqu u kellhom incident u nizlu mill-karozza u kienu qed jistennew it-tow truck. Qalet li kienu fil-karreggjata taghhom jistennew normali. Spjegat li kienu fi triq lejn il-Gzira wara l-lights ta' San Giljan kienu sejrin lejn id-direzzjoni tal- Gzira, speci qisu meta tasal hdejn it-tunnels. Waqt li kienu hemm ghaddew diversi karozzi u kien hemm minnhom li waqfu u staqsewhom jekk kellhomx bzonn xi ghajnuna. Fost il-karozzi li waqfu kien hemm anke ambulanza li ukoll is-sewwieq taghha staqsiethom jekk kellhomx bzonn xi assistenza. Imbaghad kien hemm karozza li dahlet go fihom. Hija kienet barra l-karozza u maghha kien hemm Gabriel Agius.

Muri l-isketch esebita fl-atti indikat bl-ittri 'A' u 'B' il-posizzjoni taghha u ta' Gabriel qabel ma sehh l-incident. Qalet li l-vettura taghhom ghandha in-numru ta' registrazzjoni JCD 646. Qalet li kienu qed iharsu lejn il-karozzi u jistennew li jasal it-*tow truck.* Il-karozzi kienu ghaddejjin minn fuq il-karreggjata l-ohra, tal-left. F'daqqa wahda rat dawl qawwi gej minn hdejhom u kif daret din il-vettura dahlet go fihom. Lilha laqtitha f'saqajha tan-naha tal-lemin u l-feriti li subiet huma dawk murija fir-ritratti li esebiet. Meta habtu l-ewwel darba ma kellhiex feriti. Il-feriti li kellha kienu kollha rizultat tal-impatt li kellha mal-karozza. Il-karozza li giet, laqtet il-vettura taghhom JCD 646 u imbuttat il-karozza. Hija intefghet ma l-art mal-impatt. Gabriel ukoll wegga bil-vettura JCD 646 li imbuttat il-karozza u ratu jaqa' ma l-art u meta mar hdejha ghax ma setghetx tqum ra li kellu wiccu bid-demm.

Mistoqsija jekk ratx id-driver tal-vettura l-ohra tghid li ratu jinzel mill-karozza u dan kien l-akkuzat li gharfet prezenti fl-awla. Ikkonfermat li kein qed isuq il-vettura

[8] Fol. 59 tal-atti tal-process

numru ta' registrazzjoni JER 086. Tghid li kien mahsub b'dak li kien gara u skuza ruhu meta induna b'dak li kien gara.  Il-pulizija ma tantx damu u marru fuq il-post.

Spejgat li ftit qabel ghaddiet ambulanza u staqsiethom kellhomx bzonn l-assistenza medika waqt li kienu wieqfa izda sa dak il-hin ma kellhom xejn u l-ambulanza lahqet telqet. Pero iktar tard regghet giet ambulanza u kienet l-istess wahda li ghabbiet lilha. Taf li l-pulizija bdew isaqsu xi domandi. Taf li qalu lill-akkuzat sabiex jghamel it-test tal-breathylser u dan irrifjuta. Lahqet waslet l-ambulanza u ghalhekk ma taf xejn iktar. In kontro esami tghid li huma ma telqux minn fuq il-post mal-ewwel habta ghaliex il-karozza ma riditx tistartja u kien ghalhekk li kienu qed jistennew it-*tow truck*. Tghid li wara l-habta huma spiccaw fuq il-kareggjata tan naha tal-lemin. Mistoqsija jekk hemmx speci ta' liwja tghid li hemm l-lights u ma hemm xejn ta' liwja gravi.

**Spettur Michael Vella** xehed nhar is-16 ta' Novemrbu 2020 u l-affidavit tieghu meta kien ghadu surgent PS 249 gie moqri lilu. Mistoqsi jekk kienx ta d-dritt ta' l-avukat lill-akkuzat, iwiegeb li kien qallu li kellu dritt li ma jwegibx id-domandi li ser jigu mistoqsija lilu  pero ma jiftakarx jekk tahx id-dritt tal-avukat. Peress li kien ghadda z-zmien nesa. Jaf pero li meta kien fuq il-post l-akkuzat kien ghamel xi telefonata. Dikjarazzjoni tar-rifjut tal-assistenza legali fuq il-post ma kellux zgur ghaliex jghid li kien mar  fuq semplici traffic accident.

**Gabriel Agius** xehed nhar is-16 ta' Novembru 2020[9] jghid li nhar l-1 ta' Settembru, 2019 kien ghadu kemm qaleb nofs il-lejl  bejn is-Sibt u l-Hadd u kien sejjer Triq  Manoel Dimech  direzzjoni lejn il-Gzira minn San Giljan u kellu incident bil-karozza tieghu u spicca fuq il-karreggjata tal-lemin. Wara ftit minuti ghaddew karozzi mhux hazin u cempel lil tat-*tow truck* biex imur jghinu ghaliex ma setax isuq il-vettura. Jaf li ghaddiet ambulanza u staqsewh jekk kellux bzonn l-assistenza medika izda sa dak il-hin ma kellux bzonn assistenza. L-incident li kellhom kien wahedhom ma laqtu lil hadd.  Qal

---

[9] Fol. 71 tal-process

li ghaddew hafna karozzi minn maghhom ghaliex l-i*span time* kien ta' 25-30 minutes li damu hemmhekk. Huma bdew jghamlu sinjali lill-karozzi biex jibqghu ghaddejjin normali. Minn imkien harget karozza u laqtet lit-tfajla tieghu u lilu bil-karozza taghhom stess. Jigifieri bil-karozza taghhom hadu l-impatt li kien gej mill-vettura l-ohra. Qal li l-karozza li giet min imkien l-ewwel ma laqtet kien lit-tfajla tieghu u din sofriet feriti f'saqajha kif murija fir-ritratti. Huma kienu barra l-karozza, kienu maghha ezatt ma genbha fuq il-karreggjata tal-lemin fi Triq Manoel Dimech. Il-vettura tieghu kellha n-numru ta' registrazzjoni JCD 646. Muri l-iskizz jghid li jaqbel mal-posizzjoni tal-vetturi. L-ittra 'A' tindika fejn kien hu u l-ittra 'B' tindika fejn kienet Janet Fenech. Jghid li fil-posizzjoni li kien dak il-hin ma setax jara is-sewwieq gej. Izda l-impatt hassu. Huwa rah ma l-impatt. Qal li kien hemm hafna dawl u kienu qed ixejru lil karozzi biex jisslowjaw. Dan kollu sehh fil-karreggjata tad-direzzjoni taghhom, direzjoni Gzira.

Ikkonferma li huwa intlaqghat bil-vettura taghhom stess. Il-vettura l-ohra l-ewwel laqtet lit-tfajla tieghu imbaghad lill-karozza tieghu u peress li huwa kien ezatt maghha laqtitu f'wiccu.

L-incident sehh wisq malajr biex jara il-vettura gejja. Qal huwa hass il-vettura tieghu gejja ghal fuqu. Jaf li bl-impatt spicca daqxejn 'l boghod mill-karozza bl-impatt li ha u qam u mar jara x'gara. Dak il-hin it-tfajla tieghu kienet ma l-art migugha hafna. L-impatt haditha diretta fuq saqajha. Ikkonferma li ksur ma kellhomx. Jghid li s-sewwieq meta hareg mill-karozza kien ixxokjat meta ra wiccu kollu demm u lit-tfjala tieghu tghajjat bl-ugiegh. Huwa kellu nefha u daqqiet kbar u tbengil ma wiccu. Kellu daqqa kbira f'imniehru u infarag dak il-hin u kellu tbengil 'l hawn u 'l hemm. Kien hemm ukoll danni fuq il-vettura. Mill-ewwel qal 'zbaljajt'. Jaf li meta waslu l-pulizija isseparawh minn mal-akkuzat. Beda jirrakonta l-istorja tieghu ta' kif sehh l-incident. Jaf li ipprovaw jiehdu l-breathylser tal-akkuzat izda irrifjuta. Jaf li anke waqqalhom l-breathalyser minn idejhom. Qal li kellu danni fil-vettura tieghu, u fl-arlogg skond l-ircevuta li huwa ipprezenta l-Qorti. Qal li kellu jikri garage u ihallas tat-*tow truck*

skond id-dokument C. Peress li l-vettura tieghu tghawget bid-daqqa li tah l-akkuzat tat-*tow truck,* ma setax idahhallu l-vettura fil-garage tieghu. Spejjez fil-karozza kienu fl-ammont ta' €2300 skond is-surveyor mibghut mis-socjeta Atlas ma min kien assigurat l-akkuzat. Ikkonferma li fir-ritratti li hemm esebiti fl-atti hemm saqajn it-tfajla tieghu u ritratti tal-arlogg li kien liebes dakinhar. Dawn ir-ritratti gew mehuda minn Janet Fenech.

Ikkonferma li meta habat l-ewwel darba il-hsara kienet fuq in naha tax-xelluq izda ma setghax jitlaq minn fuq il-post ghaliex kellu bzonn tat-*tow truck* u kieku saq il-karozza kien jghamlilha iktar hsara. Meta l-karozza tieghu kienet wieqfa f'nofs ta' triq beda jghamel sinjali biex in-nies jghaddu. *Hazard lights* ma setghax jixghel ghax mal-habta il-batterija tieghu giet *disconnected.* Id-daqqa tat-tieni habta kienet fuq in-naha tal-lemin. Kien nofs metru 'l boghod mill-karozza meta qala d-daqqa. Bid-daqqa li qala' l-vettura remietu u ghalhekk gie danneggjat l-arlogg.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-ewwel Qorti sabet lil-akkuzat hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u ghalhekk gie ikkundannat ihallas multa ta' elfejn euro oltre li gie skwalifikat milli izomm il-licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' sena mid-data tas-sentenza u inghata sitt punti fuq il-licenzja tas-sewqan tieghu.

L-appellant hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u interpona umli appell. Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jistqarr li l-akkuzat ma nghatax id-dritt tieghu li ikun assistit minn Avukat qabel ma gie mistoqsi jekk riedx jissottometti ruhu ghal breathylser test. Jirrizulta mix-xhieda li ta PS 259 sussegwentement Spettur Micheal Vella li huwa tah id-dritt li ma iwegibx id-domandi li kienu ser isirulu pero ma kienx cert jekk tahx id-dritt li jkun assistit minn Avukat. Il-prosekuzzjoni ma resqet lill-ebda xhud tikkonferma li fil-fatt l-akkuzat inghata id-dritt ta' assistenza legali qabel ma irrifjuta li jissottometti ruhu ghat-test tal-breathyslser.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulzija vs Claude Formosa** [10] moghtija minn din l-istess Qorti fejn f'dan ir-rigward jinghad li l-akkuzi li gie akkuzat bihom l-appellant huma dawk naxxenti mill-artikolu 15A (1) u 15E fejn f'kaz ta' htija japplika l-artikolu 15H li jipprovdi li:-

> *"Kull persuna li tikser xi dispożizzjonijiet tal-artikoli15A u 15B tkun ħatja ta' reat u meta tinsab ħatja ta' reat bħal dakjew ta' reat taħt l-artikolu 15E(4) teħel -(a) fil-każ tal-ewwelkundanna, multa ta' mhux anqasminn elf u tmien mitt euro (€1,800) jew priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa upriġunerija flimkien"*

Ghalhekk fid-dawl tal-provediment 17 tal- prejamblu ghad-Direttiva 2013/48EU[11] dan hu reat li jimporta piena ta' prigunerija f'kaz ta' htija u ghalhekk il-persuna li qed tigi investigata ghandha dritt li tkun asssistita minn Avukat.

F'dan il-kaz bhal fil-kaz ta' Claude Formosa, il-prosekuzzjoni ma pprovatx ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-akkuzat inghata id-dritt tieghu li jkun assistit minn Avukat qabel ma gie mistoqsi jekk riedx jaghti kampjun tan-nifs u ghalhekk fid-dawl ta' tali nuqqas ta' prova din il-Qorti ma hiex qed issib lill-appellant hati tat-tmien akkuza.

Dwar is-sebgha akkuza u cioe li huwa saq il-vettura fi triq pubblika meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew droga jinghad li l-prosekuzzjoni ma resqitx provi dwar l-istat ta' allegat sokor tieghu.

---

[10] Moghtija nhar it-23 ta Lulju 2019

[11] (17) F'xi Stati Membri ċerti reati minuri, b'mod partikolari reati minuri tat-traffiku, reati minuri fir-rigward ta' regolamenti muniċipali ġenerali u ksur minuri tal-ordni pubbliku, jitqiesu bħala reati kriminali. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, ikun mhux raġonevoli li lawtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jiżguraw id-drittijiet kollha skont din id-Direttiva. Fejn il-liġi ta' Stat Membru tipprevedi fir-rigward ta' reati minuri li ma tistax tkun impota ċ-ċaħda tal-libertà bħala sanzjoni, din id-Direttiva għandha għalhekk tapplika biss għall-proċedimenti quddiem qorti li jkollha ġurisdizzjoni f'materji kriminali

Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Francis Pace**, biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa" minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi il-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-risulatat tat-test (preliminari) tannifs maghmul taht l-Artikolu 15C.

Meta l-ligi titkellem dwar "inkapacita` fizika jew mentali" qed tirreferi ghal inkapacita` li trid tezisti indipendentement mill-istat ta' intossikazzjoni li tkun fiha l-persuna li tintalab taghti l-kampjun, kif ukoll indipendentement mill-ansjeta` dovuta ghall-fatt li dik il-persuna tkun involuta f'incident awtomobilistiku.[12]"

F'dan ir-rigward jinghad li l-unika haga li rrizulta mill-provi hu li l-pulizija li nvestiga l-kaz xamm riha ta' xorb. Fl-ebda hin ma qal li l-appellant kien ruxxan jew li wehillu ilsienu jew li ma kienx qed jimxi dritt. Hadd mix-xhieda li xehdu ma irrimarka dwar l-istat tal-akkuzat jew allega li kien xurban . Kien l-ispettur Michael Vella BISS li qal li l-akkuzat kellu ruha ta' xorb. Dan il-fattur *ut sic wahdu* ma jammontax ghal prova rikjesta mill-ligi biex issib sewwieq hati ta sewqan taht il-l kundizzjoni ta' xorb u ghalhekk din is-seba' akkuzama tirrizultax lanqas.

Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant jistqarr li l-incident ma sehhx tort tieghu izda tort tal-parte civile li halla l-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni JCD 646 wieqfa f'karreggjata tal-lemin. Fil-fehma teighu il-fatt li l-appellant ma halla l-ebda *break marks* jindika li ma kellux sewqan eccessiv. Illi filwaqt li huwa minnu li *break marks* jindikaw sewqan eccessiv fil-kaz in esamina l-appellant ma hux akkuzat li saq b'velocita eccessiva izda li huwa saq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni JER

[12] Il-Pulizija vs Marlon Montebello – App.Inf. – 09/02/2001

086 b'manjera perikoluza, bla kont u bi traskuragni u minhabba dan is-sewqan huwa kien involut fl-incident awtomobilistiku mal-*parte civile* Gabriel Agius.

Ma hemm dubbju u dan hu pruvat sodisfacentement li Gabriel Agius kien ilu li habat ghal certu hin qabel ma l-akkuzat dahal fih. Dan hu pruvat kemm mix-xhieda ta' Gabriel Agius u t-tfajla tieghu Janet Fenech kif ukoll mix-xhieda ta' Gino Cremona u Raymond Frendo li jghidu li huma kienu ghaddejjin bl-ambulanza u raw lil Gabriel Agius fil-vettura mahbuta u talbuh jekk ridx l-asssistenza medika u dan irrifjuta tali assistenza ghaliex sa dak il-hin ma kellux bzonn. Jinghad li fil-fatt kienet l-istess ambulanza li marret fuq il-post biex tigbor lil *parte civle* xi nofs siegha wara meta sehhet il-kollizjoni mal-akkuzat.

Huwa minnu li l-vettura ta' Agius kienet fuq il-karreggjata tal-lemin. Pero' kienet wieqfa fi triq fejn kien hemm hafna dawk skond ix-xhieda ta' Agius li ma gietx kontradetta. Jirrizulta li minn ma genb Agius lahqu ghaddew diversi karozzi ohra u ma kien sehh l-ebda impatt iehor. Kien biss meta ghadda hu li sehhet it-tieni kollizzjoni u li l-*parte civile* Gabriel Agius u Jane Fenech spiccaw feruti skond ic-certifikati medici esebita.

Dwar is-sewqan tal-akkuzat jirrizulta li mill-provi migjuba, li dan hu kaz klassiku ta' "nuqqas ta' *proper lookout*" min-naha tal-imputat. Illi qabel ma tghaddi sabiex tindika f'hiex kienet tikkonsisti l-imprudenza, it-traskuragni u n-nuqqas ta' *proper lookout* da parti tal-appellant il-Qorti ser taghmel referenza ghal x'qalu l-Qrati taghna f'dan ir-rigward. Fis-sentenza recenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) tat-28 ta' Frar, 2018 moghtija fil-kawza fl-ismijiet '**Pulizija vs Dorianne Camilleri**' ntqal hekk:- Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet '**Pulizija vs Perit Louis Portelli**' gie stipulat li:

> *"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f' nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni*

*("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b' ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f' kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal- kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi filkaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall- gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta ddiligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione.[13]"*

Illi huwa principju ben stabbilit li sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm 'l hekk imsejjah "*proper look out*". Gie ritenut li:

*"Hu dover ta' driver to see what is in plain view... u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout... Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one' s immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Illi l-istess Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll li,

"... biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta' penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x' aktarx kienet tigi evitata jew x' aktarx li ma kinitx issehh f' dak il-grad li effettivement sehhet..."

[13] Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46

Illi din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghal dak li ntqal f' sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Haiden Vella</u>**[14]) u cioe':

Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li

> *"Hu dover ta' "driver to see what is in plain view[15]". u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout[16]" ("Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a builtup area, of the pavements on the side of the road as well[17]."*

Illi n-nuqqas ta' proper lookout da parti tal-imputat jikkonsisti fil-fatt li huwa naqas milli jara li kien hemm karozza wieqfa b'zewg min nies ma genbha fi triq imdawla. Kien hemm element kbir ta' traskuragni da parti tal-appellant peress li kien hemm diversi karozzi li kienu ghaddew minn l-istess lokalita qabel ma l-appellant laqat lill-*parte civile.* Dan il-fattur ifisser li l-posizzjoni tal-vettura ta' Agius setghet tigi ben notata minn sewwieq li kien prudenti fis-sewqan tieghu sabiex tigi evitata.

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti hija sodisfatti li Gabriel Agius u Janet Fenech sofrew feriti ta' natura hafifa minhabba l-impatt tal-appellant kawzat minhabba is-sewqan bla kont tieghu . Il-feriti gew deskritti u konfermati minn Dr. K Abdalla. Ma hemmx dubju ukoll li d-danni li gew kagunati fuq il-vettura ta' Gabriel Agius numru ta' registrazzjoni JCD 646 fuq il-lemin taghha gew kagunati minhabba s-sewqan bla kont tal-appellant. Dan japplika ukoll ghad-danni li sofra Gabriel Agius fl-arlogg tieghu tal-ghamla Rolex kif certifikat bid-dokumentazzjoni fl-atti u bir-ricevuta tal-hlas li sar sabiex dan l-istess arlogg jitranga.

---

14 Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tat-12 ta' Lulju, 2007
15 Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) Pol. vs. Joseph Vella -[10 ta' Awwissu 1963
16 Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) "Il-Pulizija vs. J.M. Laferla 17 ta' Gunju 1961]
17 Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd." [1968

Illi ghalhekk din il-Qorti filwaqt li qed tikkonferma l-htija tal-appellant fir-rigward tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba, u s-sitt akkuza kif inkorporata fil-hames akkuza ma hiex qed issibu hati tas-seba' u tmien akkuza.

Illi fit-tielet aggravju l-appellant jilmenta mill-piena moghtija u dan ghaliex fil-fehma tieghu hija wahda eccessiva u harxa izzejjed meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz u molto piu l-fatt li l-parte civile gie kkumpensat *in toto* [18]ghad-danni li sofra. Jinghad ukoll li hija eccessiva meta jiddikajra li bla pregudizzju huwa ghamel tajjeb ghal hsara li sofra Gabriel Agius fil-vettura tieghu fl-ammont ta' €2,900 u li ghamel tajjeb ghad-danni li huwa sofra fl-arlogg Rolex li kien libes.

Fis-sentenza deciza minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci[19] inghad li,</u>** mhux normali li din il-Qorti tal-Appell tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrijentra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler[20]</u>**:-

> "*Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena*)'[21].

Illi pero peress li din il-Qorti sejra timmodifika s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti ser ikun hemm ukoll temperament fil-piena moghtija.

---

[18] Ara verbal tal-15 ta' Frar 2022
[19] Appell Kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009
[20] Appell Kriminali (Superjuri) 26 ta Frar 2009
[21] Ara wkoll I**<u>r-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard</u>** deciza nhar l-20 ta' Marzu 2009] App. Krim. Superjuri

Din il-Qorti ghalhekk qeghda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel sitt akkuzi, is-sitt akkuza kif inkorporata fil-hames akkuza, qeghda timmodifikaha fir-rigward tas-seba' u t-tmien akkuza u dan ghaliex kuntrarjament ghal dak li gie deciz mill-ewwel Qorti ma hiex qed issibu hati taghhom. Ghalhekk fir-rigward tal-akkuzi li qed issib lill-akkuzat hati taghhom qed tikkundannah ghal multa ta' erba' mitt euro (€400).

Qeghda ukoll tvarja l-perijodu ta' sospensjoni ordnat mill-ewwel Qorti b'dan illi minflok il-perijodu ta' sena imposta ai termini tal-artikolu 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tiskwalifikah milli jzomm licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' tlett xhur mill-lum f'nofs il-lejl ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u in vista tal-Artikolu 78 tal-LS 65.18 tordna sabiex immedjatament l-appellant jghaddi l-istess licenzja lill-Awtorita tat-Transport Malta kif ukoll ai termini tal-Artikolu 36B u s-Sitt Skeda tal-LS 65.18 tal-Ligijiet ta' Malta, qed timponi penali ta' tlett punti (3) fuq il-licenzja tas-sewqan tal-appellant, liema punti ghandhom jigu imnizzla fid-database komputerizzata ghal dan il-ghan mill-Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta.

Tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' Transport Malta.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur